MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Mandat Numru. 1757/2014/1

**Anglu Balzan u martu Rita Balzan kif ukoll**

**binhom Marlon Balzan**

**vs**

**Jeanette Balzan;**

**AIC Rober Musumeci;**

**Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja;**

**Avukat Generali tar-Repubblika;**

**Kummissarju tal-Pulizija jew rapprezentant tieghu**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni tal-5 ta’ Novembru 2014;

Rat ir-risposti tal-partijiet li pprezentaw risposta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Il-fatti li taw lok ghal mandat ta’ inibizzjoni huma s-segwenti. Marlon Balzan u martu Jeanette Balzan ghaddejjin minn separazzjoni personali. Fil-mori tal-proceduri saret kawza min Jeanette Balzan kontra zewgha ghax skond hi giet imkeccija mid-dar matrimonjali. Din kienet kawza ta’ spoll deciza mill-Qorti fit-28 ta’ Marzu 2014 fejn intlaqghet it-talba attrici li tigi ri-integrata fil-pussess u access tad-dar matrimonjali. Din is-sentenza marret in gudikat. Jidher li d-dar matrimonjali hi proprjeta tal-genituri ta’ Marlon Balzan cioe r-rikorrenti Anglu u Rita Balzan li interpellaw lil Marlon u Jeanette Balzan biex jizgumbraw mid-dar matrimonali permess ta’ ittra tat-28 ta’ Frar 2014.

Nonostante s-sentenza tal-Qorti kif fuq inghad u digriet sussegwenti fejn Jeanette Balzan gie awtorizzata tezegwixxi s-sentenza tat-28 ta’ Marzu 2014 bl-assistenza ta’ ufficjal tal-Qorti u l-pulizija, ir-rikorrenti Marlon Balzan baqa’ inadempjenti u sar il-prezenti mandat.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu

jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak;  inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Il-Qorti tqis illi fil-konfront ta’ Marlon Balzan, dak li qed jittenta jaghmel hu li jostakola ordni tal-Qorti validament mahruga b’sentenza u digriet sussegwenti. Zgur illi Marlon Balzan ma ghandu ebda jedd fil-konfront ta’ Jeanette Balzan li jista’ b’xi mod iwaqqa’ jew ixejjen sentenza tal-Qorti li marret in gudikat kontrih. In fatti l-lanjanzi ta’ Marlon Balzan fir-rikors ghal hrug tal-mandat huma marbuta biss mar-relazzjoni matrimonjali bejn il-kontendenti, liema lanjanzi zgur qed jigu indirizzati bil-proceduri ta’ separazzjoni. Mandat ta’ inibizzjoni hu mezz eccezzjonali biex jigi preservat dritt li jista’ jigi pregudikat irrevokabilment jekk il-mandat ma jigix milqugh. F’dan il-kaz ebda jedd fuq il-fond ma jista’ jigi preservat favur Marlon Balzan billi hu ma ghandu ebda jedd fuq il-fond ghax ir-rikors stess ighid li l-okkupazzjoni tieghu hi b’mera tolleranza.

Fil-konfront tal-konjugi Anglu u Rita Balzan, hu minnu illi s-sentenza tal-Qorti bejn binhom u l-mara tieghu hu res inter alios acta u ma tolqothomx direttament. Hu minnu wkoll illi huma qed jinvokaw dritt ta’ proprjeta fuq il-fond in kwistjoni u li l-okkupazzjoni da parti ta’ Jeanette Balzan hi allegatament wahda prekarja. Pero kontra dan hemm il-fatt illi l-Qorti irrikonoxxiet illi Jeanette Balzan ghandha pussess li fil-ligi jimmerita protezzjoni tant li ordnat ir-re-integrazzjoni. Il-jedd tal-konjugi Balzan fuq il-godiment liberu tal-proprjeta ghalhekk qed jigi mittiefes b’din is-sentenza u gustament ghandhom il-jedd prima facie li jressqu l-proceduri appoziti biex dan il-pussess dikjarat bhala ezistenti mill-Qorti fil-konfront ta’ Jeanette Balzan jigi mitmun b’sentenza ohra tal-Qorti fuq il-mertu tal-azzjoni appozita ghal zgumbrament.

B'daqshekk ma jfissirx pero illi jezistu cirkostanzi tali li jinneccessitaw li ordni tal-Qorti cioe r-re-integrazzjoni tal-pussess jig stultifikat pendenti proceduri mill-konjugi Balzan peress illi r-rikorrenti jridu jippruvaw li l-pregudizzju jekk il-mandat ma jintlaqax hu irrimedjabbli. Ma hemm ebda pregudizzju irrimedjabbli peress illi l-konjugi Balzan ghandhom il-jedd fil-ligi li jiehdu l-mizuri legali u rimedjali opportuni ta' zgumbrament kontra min ma ghandux jedd fuq il-proprjeta. Decizjoni favorevoli ma tkunx xejnet dan id-dritt jekk fl-intervall Jeanette Balzan tibqa' tokkupa l-fond kif ordnat mill-Qorti f'decizjoni bejnha u zewgha. Semmai l-konjugi Balzan ghandhom ir-rimedju tad-danni ghall-okkupazzjoni oltre r-rimedju tal-izgrumbrament u ebda pregudizzju li l-Qorti tqis irrimedjabbli ma hu qed jigi kommess jekk il-mandat ma jintlaqax.

Billi dan l-element mhux pruvat din il-Qorti tqis illi anki fil-konfront tal-konjugi Balzan, dan il-mandat ma jistax jigi milqugh.

Stante din id-decizjoni ma hemmx lok li jigu investigati eccezzjonijiet ta' natura procedurali.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------